# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**103. · 20 ta' AUUISSU 1910. IT-TIENI SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# TA'L HALIB

Da'l ġranet geŭ imħarrchin kuddiem il Magistrat Dr: Ed: Parnis xi bejjigħa ta'l ħalib talli kiegħdin ijżommu il mogħoż f'post għalihom u talli kiegħdin ijbigħu il ħalib. It-taħrica tgħid li huma ħatjin contra l-articolu 79 ta't-Tielet Ligi Sanitarja billi «*hanno tenuto una vaccheria e venduto latte senza licenza.*»

Ma l-eŭŭel dakka ta' għajn li ŭieħed jati lil daŭna il chelmiet taljani minnufiħ jintebaħ li jeŭ min ordna li issir dic it-taħrica ma jafx saħta b'it-taljan jeŭ li ijrid b'il fors jaħkar u jgħacches lil bejjigħa ta'l ħalib bla ma ittih l-ebda dritt il-Ligi. Chiecu chien jaf l-ankas ħjel b'it-taljan chien jintebaħ li fl-articolu 79 li semmejna fuk il-Ligi ma issemmix ħlief «vaccheria» u li dina għal min jaf x'igifieri *vacca* ma tistax tiftihem ħlief għall loc fejn ijżommu il BAKAR u katt għal dac fejn ijżommu il MOGĦOŻ.

Li min ħolok il-Ligi fehem jitchellem m'il bakar biss u m'hux m'il mogħoż ucoll naraŭħ m'il istess Ligi billi f'it-tieni biċċa ta'l istess articolu 79 il-Ligi tcompli tgħid: «*la licenza non sarà valevole che per un anno e pel solo numero di* VACCHE *che nella stessa sarà determinato.*» Mela ġa la darba fl-eŭŭel biċċa ta'l articolu 79 il-Ligi talbet li min jesercita il mestier ta' «*detentore di vacche da latte*, (u haŭn ċar daks iż-żejt,) jeŭ ta' *detentore di vaccherie* għandu bżonn li jcollu il permess m'is-Supraintendent ta's-Sanità; u f'it-tieni biċċa ta'l istess articolu meta fehmet x'jinħtieġ biex ŭieħed jieħu dina is-sensja u ma semmietx ħlief il BAKAR biss, jidher ċar li min għamel il-Ligi fehem jitchellem m'il BAKAR BISS u m'hux m'il mogħoż ucoll. F'it-tieni biċċa ta'l istess articolu insibu ucoll li f'is-sensja jgħidlu chemm il ras għandu jżomm billi jiccalculalu tant jardi ŭisa ta' cobor li għandu jcun fih dana il loc «*in cui la* VACCA *debba essere tenuta.*»

Mela scond l-articolu 79, dac li hemm imsemmi f'it-taħrica u li fuku is-Sanità ħarrchet il bejjiegħa ta'l ħalib jidher ċar li dan min ħalku ma ħalkux għal mogħoż iżda għal bakar BISS, u għalhecc ġa la darba daŭna il bejjigħa ta'l ħalib ma għandhomx bakar iżda mogħoż biss ma nafx b'liema dritt geŭ imħarrchin u jriduhom jiġu iccastigati scond il-Ligi. Għaldakstant narġa ingħid li il Cap ta's-Sanità li ordna dic it-taħrica jeŭ rasu ma chienetx f'locha u ma chienx jaf x'inhu kiegħed jagħmel, jeŭ ma fehemx l-articolu ta'l-Ligi jeŭ actarx fehmu seŭŭa iżda ried jaħkar u jgħacches lil bejjigħa ta'l ħalib bla ma ittih l-ebda dritt il-Ligi.

Biex insaħħaħ dana li għidt kabel nitlobcom li takraŭ l-articoli 80, 81, u 82 ta'l istess Ligi fejn fihom ma jsemmu katt il mogħoż iżda dejjem il bakar, u dana jidher actar ċar għaliex fejn jissemma l-esami ta'l mogħoż hemm articolu għalih (83) u ma jsemmihx flimchien m'al eżami ta'l bakar li tħaddet fuku kabel fl-articolu 82 u fejn ried jifhem il bakar u il mogħoż flimchien il-Legislatur kala ċar bħal ma għamel fl-articolu 84 fejn ijgħid:—«*Tosto chè una di tali* VACCHE, *asine,* CAPRE *o pecore si ammali etc.*»

Li dana l-articolu katt ma fehmuh chif ijrid jitmu issa il Cap ta's-Sanità naraŭħ ucoll minn dana li lil min f'Malta għamel *vaccheria* ordnaŭlu minnufiħ li jagħmel dac collu li jitolbu daŭna l-articoli ta' dina il-Ligi iżda għad li dina il-Ligi ilha li harget SITT SNIN MAGĦLUKA igifieri minn Marzu ta'l 1904, lil ta'l ħalib ħadd katt ma ħolom ħlief issa li jippretendi minnhom li għal mogħoż għandhom jagħmlu dac li ll-Ligi titlob għal *vaccheria.* Mela jecc il-Ligi riedet dana mi'l bejjigħa ta'l ħalib ta'l mogħoż għala ittrascuraŭ għall SITT SNIN SHAH u katt ma giegħluhom jagħmlu dac li huma fehmu li sejjer ijcun għal gid ta's-saħħa ta'l pajjis? Possibli li f'dac il famus Dipar-

timent li sar akkal m'il Inghisizzjon ta'l antic, hemm trascuraġni hecc cbira għa's-saħħa ta'l pajjis jeŭ nies hecc injuranti li ħadu fuk sitt snin sħaħ biex fehmu sempliċi articolu ta' Ligi ?

Il Cap ta's-Sanità jrid ijgħacches il ta'l ħalib għaliex ŭaħħal f'rasu jeŭ actarx ma jridx jakla minn rasu li id-deni hu gejj m'id-Drenaġġ u m'hux m'il ħalib ta'l mogħża u għalhecc ried jara jistax jinkeda b'il injoranza ta'l-ligi ta' daŭna l-imsejcnin li jridu b'il ftit mogħoż li għandhom jakilgħu buccun għal familji cbar li għandhom billi jŭakka il mogħoż ucoll taħt l-istess articolu ta'l bakar. Iżda nitma f'Alla li ma jirnexxilux !

Barra minn dana il grottlu oħxon min għamel dic it-taħrica kabad granċ oħxon ieħor billi talli ma għandhomx sensja biex ijbigħu il ħalib ħarrichom taħt l-istess articolu 79. F'dac l-articolu l-eŭŭel nett ma jsemmix ħlief il *provveditore di latte* u m'hux lil dac li jbigħ bl-imnut f'it-triek; u ġa la darba fl-articolu 79 ma semmiex hlief il bakar u il *vaccherie* għandna nifhmu li dac il ħalib li semma hu ħalib ta'l bakar u m'hux ta'l mogħża. Mela is-sensja biex ijbigħu il ħalib ta'l mogħża ma' tidħolx lankas taħt dac l-articolu. Dina is-sensja tidħol taħt l-articolu 156 ta'l istess Ligi li jgħid:— « *E' vietate di esercitare il mestiere di venditore di alcuna sorta di cibi per le strade senza licenza del Sopraintendente di Polizia.*» U billi fl-articolu 2 ta'l istess ordinanza jgħid li *cibo* hu «*qualunque articolo usato per cibo* O PER BEVANDA *dell'uomo ad eccezione de' medicinali e dell'acqua,*» mela il ħalib hu ŭieħed minn daŭc iċ-*cibi* li biex tbiegħhom f'it-triek trid il permess ta's-Supraintendent ta'l Pulizija u m'hux ta's-Supraintendent ta's-Sanità.

Dana juri b'iċ-ċar li għad li dic l-Ordinanza ilha tiġri u incallat ruħha f'idejhom għal sitt snin sħaħ għadhom lankas jafu biss x'fiha u fuk liema articolu meta jħarrcu bniedem għandhom jimxu, għaliex ma irridx nifhem li huma jafuha tajjeb hafna iżda li jridu jisserveŭ minnha ħażin biex jagħmluha arma ta' moħkrija kalila biex ijŭakkgħu taħt is-setgħa ħarxa tagħhom lil daŭc li scond il-Ligi għandhom jakgħu taħt is-setgħa ta' ħaddieħor.

L-articolu 93 jatina ftit daŭl ieħor fuk dina il ħaġa billi jgħid: *Sarà lecito a qualunque Medico Sanitario etc. di introdursi nelle vaccherie o* IN ALTRO LUOGO.. *come pure di ispezionare lo stato di salute... di qualunque* VACCA, *asina, pecora o* CAPRA DA LATTE....» Araŭ chif haŭn billi semma il mogħża u annimali oħra barra m'il *vaccheria* semma LOC IEHOR: dana jfisser li il chelma VACCHERIA ma tfisserx dac il loc fejn barra m'il bakar jistgħu jokogħdu il mogħoż u in-ngħaġ ucoll. Il-Legislatur fejn fehem li jsemmi il mogħoż semmihom ċar u għalhecc fejn hemm id-dubbju (jecc hemm) dana għandu jmur favur ta'l imħarrec dejjem.

Ma irridx intaŭŭal iżjed biex ma indejjakcomx actar fuk dina il ħaġa iżda dehirli li għandi ingagħalcom tmissu b'idejcom x'għerf hiereġ m'il Uffiċċju Sanitarju biex ma ingħidx liema moħkrija ta'l fkir u ta' min hu imgħobbi b'il familja għal fehmiet imkarrka li għandhom f'rashom li il mard hu gejj collu m'il mogħża u m'hux m'id-Drenaġġ. Biss kabel nispiċċa ħalluni ingħidilcom din ħalli taraŭ chif ijsiru il ħŭejjeġ taħt il Gvern ta' Malta. Billi jiena ŭieħed m'id-difensuri ta'l bejjigħa ta'l ħalib f'dina il caŭsa li għamlitilhom is-Sanità ftit ilu daŭna geŭ imsejjħin kuddiem is-Segretarju fejn chien hemm it-Tabib Caruana-Scicluna li dam għal sagħtejn ijħambak u jissara ma' daŭc l-imsejcna ftit nies ta'l ħalib biex jippersŭadihom li jagħmlu dac li jridhom jagħmlu bla ma tgħidu il-Ligi b'il chelma it-tajjba, u meta tlabt biex nidħol jien bħala difensur ta'l caŭsa ħalli nara x'chienu kiegħdin ijgħidulhom MA HALLEŬNIX għaliex kalu li aħjar li l-Agent-Segretarju jitchellem ŬAHDU magħhom, iżda bakgħu b'xiber imnieħer għaliex ta'l ħalib li daħlu hemm geŭŭa żammeŭ mazzi u ma kagħdulhom għal xejn u scond il fehma tiegħi għamlu seŭŭa għaliex scond il-Ligi ma għandha l-ebda dritt is-Sanità li tobligahom li jagħmlu xejn ħlief li jgibu il permess biex ijbigħu il ħalib u dana lankas m'is-Sanità iżda minn għand il Pulizija.

# FRAC.

Smajt li Barra il Bombi kiegħed ijsir *ground* famus għall logħob ta'l *football.* Sa chemm dana il-logħob ijsir f'ŭaktu u m'hux bi tfixchil ta'l istudju ta'ż-żgħażagħ hu mogħdija-ta'-żmien ta' min ijfaħħarha u għalhecc nitma li min kiegħed ijħejji da'l *ground* jigi incoraggit.

★

SANGUE MALTESE ta'l «Gazzetta di Malta» ijrid li jsir MEETING jeŭ actar biex fih jintgħażel Cumitat ħalli jistudja chif sejjra tirranġa ruħha il ġażżra imħabbla ta'l politica tagħna. Jiena ili inħabbak ħafna chif ġa tafu biex ijsir MEETING seŭŭa ħalli naraŭ il fehma ta'l poplu x'inhi u is-Sur Cicc fl-*Avvenire* chien ŭiegħed li għandu jitchellem fuku, s'issa għadu ma tniffisx u dana jurina ċar li ma jdokklux u għalhecc ħemed fuku. Iżda is-Sur Cicc m'hux dac li jdokk lilu biss għandu jfittex iżda actar dac li jdokk għal gid ta'l pajjis u għ'r-risk ta'l poplu li tellgħu hemm fuk u kiegħed ijħallsu b'sittax il xelin cull jum (f'il vacanzi ucoll) m'hux biex ijgib it-titlu ta' Onorevoli u jmur jippranza ma'r-Re u ma'l Gvernatur iżda biex ijfittex u jaħdem għal gid ta'l Maltin. Mela hemm bżonn li jgħidilna x'inhi il fehma tiegħu fuk dana il MEETING bħal ma ŭiegħed biex jecc ma jridx chif ijmissu, għaliex hu il Cap ta'l Poplu, jagħmlu hu naraŭ tinkalax xi ruħ tajjba li tħobb il pajjisha tasseŭ li tagħmlu hi. Il fehma ta'l poplu għandha tcun irrispettata dejjem għaliex f'in-nofs hemm l-interessi tiegħu u l-*avvenire* tiegħu ucoll.

★

Nitolbu b'il kalb għa'r-ruħ ta's-Sinjura **Caterina Vassallo** (omm il Perit Andrè, C.E., Dun Vicens u il magħruf minn cullħadd chittieb malti Ġanni) li mietet da'l ġranet f'Ħal Luka ta' 74 sena mibchija minn cull min chien jafha għal tjubitha u l-imgieba tagħha ħanina ma' cullħadd.

★

B'għafsa ta' kalb cbira inħabbru ucoll il meŭt ta's-Sinjura **Adelaide Mifsud-Bonici**, mart l-imfaħħar poeta malti Clement, (li chien ŭieħed m'il eŭlenin li xerred l-imħabba u il ħrara lejn il chitba maltija) li ġrat f'it 13 ta' dana ix-xahar f'Bormla. Cullħadd tħassar il meŭta tagħha għaliex chif chien ijsejjħilha żeŭġha chienet tabilħakk «mara rari,» fidila lejn it-tifchira għażiża tiegħu billi ħalliha armla fl-isbaħ ta' sninha, u li katt ma fettxet ħaġ'oħra f'ħajjitha ħlief li trabbi seŭŭa u f'il biża t'Alla l-uliedha. Chellha sebgħin sena. Itolbu għal ruħha !

★

Smajt b'dispjacir cbir li il Flotta Ingliża sejjra tibka tbaħħar ma' dŭar Spanja sa' laħħar ta' Settembru. Dana hu telf cbir għalina u minn dana naraŭ chemm ftit tasseŭ tħobbna l-Inghilterra li għad li tarana magħcusin hecc icreħ b'il ġuħ iżżomm għal dana iż-żmien collu il flotta barra m'il port biex il ħabbtejn li jcollhom il baħrin jonfkuhom f'artijiet stranjeri.

# TLAKKIT.

**F'il House of Commons** ma jafu katt li chien hemm membru li cunjomu jibda bl-ittra Z; f'il ħin li il Parlament ta' Victorja, fl-Aŭstralja, dejjem chien hemm xi ŭieħed li cunjomu jibda b'iż-*Zeta* u fost daŭna Zincke, Zox u Zeal.

**Fl-Ingliż** hemm daŭna il chelmiet li fihom jidħlu il ħames vocali collha u fl-eŭŭel tnejn ŭara xulxin chif ijmisshom : — *Facetious, abstemious, authoritative, disadvantageous, encouraging, efficacious, instantaneous, importunate, mendacious, nefarious, precarious, pertinancious, sacrilegious, simultaneous, tenacious, unintentional, unequivocal, undiscoverable, vexatious.*

**It-Tomna** libisha l-eŭŭel darba, scond ir-REVUE HEBDOMODAIRE, certu neguzjant ingliż ta' Londra li chien jismu Hotherington f'il 15 ta' Jannar 1797. Meta in-nies raŭh b'dic il ħaġa tŭila u seŭda f'rasu donnha ċumnija xegħlu u il pulizija chellha tarrestah u tieħdu kuddiem il Lord Mayor bħala ŭieħed li xeŭŭex il qŭiet pubblicu. B'il folla li daret ma' dŭaru sa'n-nisa ħasshom ħażin u lill tifel ta' scarpan chisrulu drigħu billi ŭakkgħuh fl-art b'ir-rassa li chien hemm. Min chellu katt ijgħidilhom li dac il capriċċ ta' ingliż chellu jidħol moda u saħansitra jilbsu it-tomna is-slaten stess.

**L-eŭŭel gazzetta** deħret f'Ruma f'is-sena 694, igifieri xi elfejn sena ilu u chien jictibha Celju Rufu, ħabib ta' Catilina u Cicerun. Fiha chien jibgħat għal l-Asja, megħjun minn Crestu, is-*senatusconsulti*, l-editti ta'l magistrati u saħansitra il *fabulae et rumores* igifieri il grajja u il klajja ta'l belt. Meta laħak Imperatur Ġulju Cesri beda joħroġ l-*Acta* b'aħbarijiet l-actar importanti li chienu jitŭaħħlu ma'l ħitan biex jistgħu jiġu iccupjati u imxerrda ma'l campanja; u daŭna bakgħu joħorġu sa taħt l-Imperaturi Trajanu, Antoninu u Alessandru Severu. Hecc krajna f'il *Corriere della Sera.*

**Edison,** il cbir inventur, hu bniedem tant aljenat li dic inhar li iżżeŭŭeġ nesa għal collox li il għarusa chienet kiegħda tistennih biex ijmur ijtejjeġ u baka jaħdem f'il-laboratorju x'ħin hi chellha tmur għalih u tieħdu il cnisja. Il cbir Pasteur chien ġralu hecc ucoll.

**Meta takbadcom xi indigestjoni** ma hemmx remedju aħjar m'il maltopepsina.

**M'il alca tal baħar** jieħdu il bromu u il jodu li jużaŭ f'il medicina u li minnhom jagħmlu imbagħad il bromuri u il joduri. Ic-Ciniżi u il Ġappuniżi jiecluha. F'Cornwall, fl-Inghilterra, jdemmlu ir-raba biha għaliex tajjba ħafna. Fl-Irlanda jgħalluha għa's-sogħla. Fi Franza jimleŭ l-imtieraħ biha. M'il ħass ta'l baħar jagħmlu il ħgieġ. U aħna m'il gid li Alla tana bħal ma taħ il ħaddieħor katt ma għarafna nagħmlu xejn.

**Fi Franza** hemm ligi li ħadd ma jista jitma tarbija sa sena ħlief ħŭejjeġ *liqŭidi.* Jecc xi ħadd jitmagħha xi ħaġa *solida* jigi iccundannat. U dina hi ligi tajjba ħafna għaliex l-istoncu ta' tarbija ma ijcunx għadu kabel sena jiflaħ jiddigerixxi ħŭejjeġ solidi u billi jibkgħu għaddejjin sħaħ fl-imsaren, jiffermentaŭ, u tigi l-*enterite* jeŭ id-diarrea. Meta tarbija sa sena ittiha il ħalib jeŭ ta's-sider jeŭ ta'l mogħża imsaħħan u jecc ma tistax tagħmel ieħor ta'l bott tcun tajtha dac collu li tinħtieġ biex ticber b'saħħitha.

**L-ilsien ta'l mara** hu dejjem iżgħar minn ta'r-ragel u għalhecc forsi jtaktak iżjed.

**L-ispinaci** hi ŭaħda m'il actar ħxejjex għeżież billi tagħmel ħafna gid lill fŭied u lill imsaren, issebbaħ il carnaġġjun u tagħmel gid fl-anemija billi fiha il ferru. Il għaref chimicu Bunge jgħidilna li il bniedem ma jistax jiecol ħŭejjeġ aħjar għas-saħħa m'il ispinaci u l-isfar ta'l bajd.

**Il mara biex tgħix** għandha bżonn ŭisk ankas ichel u xorb. Meta tiecol daks nofs li jiecol ragel tista tgħid li hu b'iż-żejjed. Il gemel jista jdum sitt t-ijiem bla ma jixrob.

**Il caboċċi nejja** tgħaddi m'il istoncu f'sagħtejn u nofs; jecc tgħalliha f'erba siegħat u nofs. Mela kis li ma taħlux nar u tgħejju l-istoncu għal xejn !

**Fl-Universitajjiet ta'l Isvizzera** m'il ħamsa ŭaħda ta'l istudenti huma nisa.

**Fl-Inghilterra** jsiru ma'l ħamsa u erbgħin elf tunullata sapun f'il gimgħa.

**Kalb is-salvaggi ta'l Africa** b'żeŭġ pacchetti furficetti li tatihom biex ijkiegħduhom f'rashom ijbiegħulec mara.

**William Burroughs,** spettur ta'l Metropolitan Police ta' Londra, ftit ilu kara f'gazzetta biċċa li tant għoġbitu li infexx jidħak chemm jiflaħ u tant daħak b'il kalb li ŭaka fl'art mejjet. La takraŭx il *Ġaħan* meta jarġa joħroġ !

**F'Wells,** belt fl-Inghilterra, ftit ilu gie iccundannat il ħabs tabib talli chien jieħu nofs lira l'in-nies ta'l campanja injuranti biex ijcheċċilhom ix-xjaten minn ġo'l ħejjem tagħhom chif chien ijŭaħħlilhom f'rashom hu.

**F'loc il jodoform** illum kiegħdin jużaŭ barra minn Malta medicina ġdida —l-ALMATENIA— li fl-istess ħin li tagħmel gid bħal jodoform ma hix velenusa bħalu u lankas ma fiha ir-rieħa tinten tiegħu.

**L-acbar lucanda ta'd-dinja** hi actarx dic ta' Boston, f'Massachusetts, fl-America li għandha il ħaċċata biss li tlaħħak mil tul. Dina hi imsejjħa «*Castle Square Hotel.*» Tieħu sitt elef pied qŭadrat art. Cull camra fiha il banju u fiha ma'l elf camra.

**L-Astoria Hotel** ta' New York hu ŭieħed m'il cbar ucoll bħal ma hu ic-Cecil ta' Londra.

**Fl-Ido** scond il calcolu li għamel A. Notzli, hemm fuk 5371 chelma li jinsabu f'id-dizzjunarju li ħareġ ftit ilu: 2024 minn daŭna jiftiehmu minn SITT lingŭi igifieri actar m'it-terz, 38 f'il mija), 942 minn ħames lingŭi, 1111 minn erbgħa, 585 minn tlieta, 454 minn tnejn u 255 chelma li jakblu ma chelma ŭaħda biss. Minn dana naraŭ li actar minn tliet qŭarti ta'l cliem li hemm fl-Ido jakblu għallankas ma TLIET lingŭi. Fl-Esperanto jakblu ŭisk ankas. Għal dina ir-raġuni meta ŭieħed li jaf b'it-taljan u bl-ingliż u b'il franciż meta jakbad gazzetta jeŭ ctieb bl-**Ido** f'idejh għandu bla ma jcun studjah katt jifhmu m'il l-eŭŭel għaliex f'dina il-lingŭa tant sabiħa u ħafifa ma hemm l-ebda chelma li hi maklugħa m'il moħħ iżda sa l-ankas ŭaħda hi meħuda minn xi ilsien magħruf ħafna. Dana ma jiġrix lil min jieħu f'idejh ctieb jeŭ gazzetta bl-**Esperanto** għaliex dana fih bosta cliem li id-Dr: Zamenhof ħalku minn rasu u li ma jinsabx f'ilsna oħra u għalhecc biex tifimhom ijcolloc tfittixhom b'il fors f'id-dizzjunarju ta'l Esperanto. Dana hu ŭieħed m'il vantaġġi cbar li fih l-**Ido** fuk l-**Esperanto** għaliex billi fl-**Ido** cull ma hemm fih hu collu meħud minn lingŭi magħrufa għalhecc jiftihem actar malajr u b'actar heffa.

# Għa'n - Nisa.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

U xejn taħsbu li meta tħaddmu u tatu saħħa lil gisem tcunu tnakksu is-setgħa ta'l moħħ, le, anzi b'il maklub *mens sana in corpore sano*, il moħħ jitjieb meta il gişem jissaħħaħ, u għalhecc kiegħdin jagħmlu tajjeb ħafna fl-ischejjel illum li l'it-tfal ijgħallmuhom il ginnastica għaliex dina f'il ħin li tkaŭŭilhom gisimhom issaħħaħ irjushom ucoll u għalhecc jimxub-ankas tbatija fl-istudji tagħhom. Daŭc li tismagħhom ijmakdru dina il ginnastica u jsejjħulha telf ta' żmien jagħmluh għaliex katt ma ippruvaŭ jeŭ għallankas kraŭ il gid cbir li tista tagħmel u għalhecc cliemhom ma hux ħlief riħ.

L'in-nisa meta jsiru ommijiet irrid nirraccomandalhom ħafna ucoll u b'il kalb li ma jibżgħux li jħaddmu gisimhom f'id-dar u li jagħmlu passiġġata ta' cull jum fi ftit xemx u fl-arja tajjba. Cunu afu li meta taslu f'dac il mument icreħ ma iġġarrbux dic it-tbatija cbira bħal daŭc li jgħoddu ruħhom bħalli chiecu chienu morda u ma jillargaŭx actar m'id-dar għal mistħija falża jeŭ għal xi raġuni oħra. Ħarsu lejn in-nisa tkar billi dejjem jibkgħu jħaddmu gisimhom u jimxu chemm ijsibu ruħhom aħjar. L'ix-xebbiet ucoll jagħmlilhom tajjeb ħafna il mixi u ix-xogħol f'id-dar għaliex ijnakksu ħafna tbatija.

Kisu ucoll li tmiddu għonkcom f'ix-xogħol ta'd-dar. Il facendi saħħa jatu u cbira għaliex minngħajr ma tati cas tcun kiegħda tagħmel ħafna ginnastica. Kis li meta tagħmel il facendi ma jcollocx fukec ħŭejjeġ issiccati u kis li daŭna dejjem ijcunu indaf. Aħdem dejjem b'it-tŭieki miftuħa u la tibżax m'ix-xemx jecc taraha dieħla f'il camra fejn tcun kiegħda għaliex dina hi ŭaħda m'il egħżeż ħbieb li ta' cull jum jigu jżuruc u li magħhom ijgibulec cull risk għaliex fejn tidħol hi ma jirfesx it-tabib. «*Dove entra il sole non entra il medico.*» Jecc ijfittellec tgħanni xi għanja għanniha ucoll għaliex ma hemmx ħaġa aħjar għas-saħħa milli tagħmel ix-xogħol b'il ferħa, u li tcun dejjem ferħana hi ŭaħda m'il eŭlenin ligijiet ta's-saħħa.

Jecc tistgħu tidraŭ minn żgħuritcom bla curpett tagħmlu gid ħafna għal saħħitcom, u jecc tużaŭh ara li ma tcunux hecc boloħ li tissiccaŭh ferm biex tirkaku għaliex tagħmlu ħsara cbira ŭisk. Ibdgħu biex iddaħħlu f'rascom li ma iżżidux f'il ġmiel dic il mara li trakkak kaddha tista tgħid daks għonkha. Min jarah f'loc jieħu gost ma tigihx ħlief ħniena cbira minnha għaliex tcun donnha sejjra tinkata. Kisu ucoll li ma tixtrux, biex tonfku ftit, curpett bl-isticchi jebsin. Nakksu ftit minn nefka ta'ż-żagarelli u il bizzilli ta' barra u ixtru curpett elasticu chemm jista jcun u imfassal apposta fuk gisimcom għaliex b'hecc tiffrancaŭ ħafna għaŭġ u tcunu liebsin aħjar bħal min f'loc li jixtri libsa meħjuta u lesta jagħmilha fuk il kies ta' gismu. Miss Gent tgħidilna: «*the damage wrought by wearing a badly-cut, tight, hard, unbending corset cannot be over-estimated,*» Bosta drabi meta tissiccaŭ ŭisk il curpett tistgħu tgħaŭŭġu is-sinsla ta' daharcom u xi dakkiet titnissel gerħa fl-istoncu li ma tantx tfieku minnha chif gieb u laħak. Bosta drabi ucoll tagħfsu il fŭied żejjed u billi id-demm ma jcunx jista jdur seŭŭa f'il pulmuni haŭn min tatu għaxŭa u baka mejjet. L-issiccar ta'l curpett jagħmel ħafna ħsara fuk il kalb u il clieŭi u tbatu ħafna f'certi ġranet ŭisk actar minn min jużah laxc jeŭ ma jużahx xejn. Li jużaŭh in-nisa meta jcunu ommijiet imbagħad hu veru delitt għaliex m'hux biss tista tħassar il festa hi, iżda ġara bosta drabi li tŭieldu ħafna tfal immancati li bakgħu jisħtu il fruħa ta' ommijiethom sa'l meŭt.

*(Jissocta.)*

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

# Il Malti għal Maltin.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

**Ħiża!** u m'hux Isa! jmissna ingħidu.

**Uħida**—dac li tieħu minn għalka; l-annata. *Imħabba f'ix-xita nofs l-uħida intilfet d'is-sena.*

**Ħabru**—dac li gralu, l-aħbar tiegħu. *Ixxerred ħabru ma'd-dinja. Ati Mulejja is-sabar sa dakk il ħabar* (ta'l meŭt).

**Taħbat**—issaŭŭat. *Ħabatni għal xejn.*

**Ħabb-il-għeneb**—iż-żerrigħa ta'l għeneb.

**Maħbeż**—forn.

**Ħadar**—l-accumpanjament ta'l għarajjes. **Ħadra** il pranzu ta't-tieġ. **Ħaddar** dac li jmur ijŭassal l-għarajjes il cnisja.

**Maħdar**—il camra imżejjna fejn il għarusa chienet tilka il mistednin kabel jitilku għa't-tieġ.

**Ragel ħduti**—li jħobb jitħaddet ħafna.

**Ħafen**—il kiegħ ta'l id; minn haŭn *taħfen* u *ħafna.*

**Inħaġbet**—f'id-dar, inħbiet minn.

**Ħageb**—velu, star, għata.

**Nhar-il-ħgejjeġ**—lejliet S. Ġŭann. «*Kabel Nhar-il-Ħgejjeġ la jitneħħa suf u lankas jitbiddlu ħŭejjeġ.*»

**Ħajbur**—sħab dmumi u bcejjeċ bcejjeċ li donnu jtabba l-ajru.

**Ħajdu!** jgħidu l'it-tfal meta jitilku jimxu. Illum ingħidu *sulu! sulu!*

**Ħajjet-ir-ruħ**—spiritus, fuk tiegħu.

**Tistaħja f'ir-rŭieħ**—tistriħ għal frisc.

**Mħacca**—mara ħażina.

**Ħalec**—iz-ziu tiegħec minn ommoc; **ħaltec** iz-zija minn ommoc.

**Ħala**—tebgħa f'il ŭiċċ, dic li jgħidulha ucoll *xeŭka.*

**Taħleġ**—tnakki iż-żerrigħa m'il koton b'ir-raddiena ta'l ħalġ, li jsejjħulha **maħleġ**.

**Ħam**—missier il mara. **Ħmiet**-ommha. *Ħamec u ħmietec.*

**Tistaħam**—titkagħŭex f'it-tajn.

**Ħamba**—għagħa ta' nies li jixxeŭŭxu f'dakka: *Filli chien collox ħiemed u filli kamet bħal ħamba.*

**Tħamħam**—titcbellem minn imnieħrec.

**B'il ħami**—b'il malizzja. *Taħdem b'il ħami*—b'il kerk. *Ħalf ħajjen*—falz.

Għad li ħafna minn dana il cliem li kiegħed ingib ma jinstamax cull jum fl-Ibliet iżda il biċċa il cbira tiegħu hu collu użat fl-irħula: u barra minn dana hu ta' ħtieġa cbira ħafna li ŭieħed ijgħożżu u jiġbru, ŭaħda għaliex l-ilsien malti b'il mod il mod kiegħed jitbiddel u jsir taljan u għalhecc tcun ħaġa sabiħa ħafna b'iż-żmien li ŭieħed ijcun jaf chif chien seŭŭa l-ilsien malti; u l-oħra għaliex meta incunu nafu x'ijfisser seŭŭa xi cliem malti minnu incunu nafu x'ijfissru l-ismijiet ta' ħafna lochijiet, cunjomijiet u draŭŭiet tagħna. Ħafna m'il proverbji tagħna fihom ucoll ħafna minn dana il cliem u għalhecc ŭiħed meta jcun jaf x'ijfissru biss jista jifhimhom. Barra minn Malta daŭna l-istudji jfittxuhom ŭisk u għadni niftacar meta gie il Professur Bonelli ta' Napli mibgħut spejjes ta'l Gvern Taljan biex jistudja l-ilsien malti, ħaġa li għamel u fukha stampa ħafna ħŭejjeġ sbiħ. L-istess għamel Stumme biex ijgħallem il malti f'il Germanja. Mela la jagħmluh il barranin għala ma għandniex nagħmluh aħna ucoll?

# TRIDU TFIEKU MALAJR?

Morru f 'id-**Dar ta'l Cura** ta'l imfaħħar

**Prof: ERNESTU PICONE**

ta' Serkusa, fi Skallija, fejn ijsiru operazzjonijiet ta' chirurgija, ta' ostetriċja, ta' ginecologija u ta'l għajnejn, b'ħeffa b'rekka u bi prezzijiet moderati li cullħadd ħareġ cuntent minnhom.

Min jinfetak, jeŭ ijcollu il mard ta'l ħaġra, jeŭ mardijiet ta'l ġuf, ta'l istoncu, ta'l ŭuied, ta'l clieŭi u mardijiet oħrajn, l-isbaħ li jagħmel hu li jakbeż sa hemm, fejn ijsib ,cul cumdità u **jonfok ftit.**

---

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**

**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

BRITANNIA

---

# L-OSSIGENU

li illum hu tant użat f 'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f 'loc li iokgħod jistenna li jjestuhulu ñ spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

---

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

---

# INVENZJONI FAMUSA

**hi sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il hasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-gheric**

UZAU " IR-RUBNIT, "

**Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit**

UZAU " IR-RUBNIT, "

**Biex ma thallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

UZAU " IR-RUBNIT "

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**

---

Min hu marid bi-ANEMIJA (bakar ta'gdemm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L' ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI.

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex ícun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

**FLUS! FLUS! FLUS!**

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

**SNIEN! SNIEN! SNIEN!**

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snién barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegħ-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgħ għandu jatic il flus, li jcunu daħlu u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur għand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib għal bejgħ cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irħas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI
TAD-DEHEB
GHAL
KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA




# C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.


**In-"Naħla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xogħol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irħas ferm.**